VALLETTA CULTURAL AGENCY

Stqarrija 23 ta' Lulju 2019

Belt il-Mużika: L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tħabbar programm mużikali għall-Kapitali

L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta għadha kemm ħabbret programm mużikali ġdid għall-kapitali bl-isem ta' MusiCity: Belt il-Mużika. Dan se jkun programm kbir u mill-aktar varjat, mifrux fuq is-sena kollha, u b'hekk żgur li se joffri xi ħaġa għal kulħadd.

Matul l-2019, il-programm MusiCity se jkun qed joffri numru ta' kunċerti fl-apert, kant, attivitajiet 'pop-up' u proġett bil-parteċipazzjoni ta' mużiċisti żgħażagħ. L-istil mużikali se jvarja wkoll minn attività għall-oħra, minn rock sa pop u klassiku. Uħud mir-rappreżentazzjonijiet se jkunu wkoll karatterizzati minn diversi kanzunetti Maltin.

Waqt li kien qed jindirizza konferenza tal-aħbarijiet li timmarka t-tnedija tal-proġett, iċ-Ċermen tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta Jason Micallef qal li, "permezz ta' dan il-programm, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta se tkun qed tittrasforma l-Belt Kapitali tagħna proprju f'belt il-mużika – belt ħajja li kontinwament toffri doża ta' kultura lil kull min iżurha. Dan il-proġett se jipprovdi divertiment għal dawk kollha li jżuru l-Belt, se jagħti opportunitajiet ġodda lil artisti żgħażagħ u emerġenti, u aktar opportunitajiet lil artisti magħrufa. Permezz ta' kunċerti bla ħlas f'postijiet pubbliċi fil-Belt, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta qed tkompli tippromwovi u toħloq l-aċċessibilità għall-kultura u l-mużika".

L-ewwel kunċert fil-programm, bl-isem ta' Xarulù fi Strada Stretta, se jseħħ illejla, 23 ta' Lulju fit-8.00pm. Id-duo lokali Xarulù se jkunu qed idoqqu uħud mill-aktar kanzunetti popolari 'rock', fosthom mużika mill-gruppi Queen, Dire Straits, Pink Floyd, The Shadows, u anke Johnny Cash, kif ukoll xi kanzunetti oriġinali. Dawn se jkunu qed jimxu tul Strada Stretta waqt li jdoqqu. Dan huwa kunċert bla ħlas.

Fit-30 ta' Lulju, il-kantanta Fiona Cauchi u l-mużiċista Dott. Lydia Buttigieg se jkunu qed jieħdu sehem fi 'Classique Meets Pop' — kunċert akustiku fi Pjazza San Ġwann. Matul dan il-kunċert, li huwa wkoll bla ħlas, id-duo se jkunu qed idoqqu mużika b'adattament għall-kitarra u l-arpa, akkumpanjata mill-vuċi ta' Fiona Cauchi. Il-kunċert jibda fit-8pm.

Valletta Cultural Agency
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

www.vca.gov.mt

VALLETTA CULTURAL AGENCY

Fil-21 ta' Awwissu, il-pjanista Francis Camilleri se jkun qed jagħti kunċert mużikali bla ħlas fuq il-Fosos tal-Forti Sant' Iermu. Għal dan il-kunċert il-membri tal-udjenza mistiedna jġibu magħhom imħaded, siġġijiet, u jekk jixtiequ anke xemgħat (se jkunu pprovduti siġġijiet għall-anzjani u persuni b'diżabilità). Dan il-kunċert se jkun wieħed informali u personali, b'kuntrast ma' kunċerti tal-pjanu li mdorrijin naraw. Dan il-kunċert mhux tas-soltu se joħroġ l-istil klassiku 'l barra mit-teatru u se jieħdu fi spazju apert fil-Belt Valletta, qalb in-nies. B'hekk, dawk li forsi mhux daqshekk midħla tal-mużika klassika u l-kunċerti fit-teatri huma mistiedna jattendu għal dan il-kunċert u jesperjenzaw huma wkoll il-faxxinu ta' dan l-istil mużikali. Camilleri se jkun qed idoqq selezzjoni ta' mużika miktuba minn kompożituri assoċjati mal-Belt, fost oħrajn.

Fil-31 ta' Awwissu se tkun qed tittella' rappreżentazzjoni mużikali li tikkonsisti f'kunċert bil-pjanu mill-pjanista Taljan Leonardo Barilaro akkumpanjat minn żeffiena bil-koreografija tagħhom. 'BlackShip' hija rappreżentazzjoni innovattiva li tinkorpora l-mużika kontemporanja, iż-żfin u l-arti viżiva. Tirrakkonta l-istorja immaġinata ta' żewġt aħwa tfajliet li jaslu ġewwa l-Port il-Kbir fuq vapur iswed tal-gwerra ftit wara l-Assedju l-Kbir. 'BlackShip' se tittella' fit-Teatru tal-Kampus tal-Università fil-Belt. Biljetti se jkunu disponibbli fil-jiem li ġejjin fuq is-sit kultura.mt.

Fis-16 ta' Settembru, se tittella' rappreżentazzjoni 'pop-up' ġewwa Pjazza Mattia Preti, l-Belt Valletta, bis-sehem tal-artist żagħżugħ Belti Owen Leuellen. Din l-attività se tkun qed tolqot liż-żagħżagħ, b'mod speċjali. Il-grupp tal-hip hop Street Elements se jkun qed jagħti rappreżentazzjoni taż-żfin segwit minn Owen Leuellen, li se jkun qed jagħti spettaklu ta' 40 minuta. Kollox jibda fit-8pm. Din hija attività bla ħlas.

'Tektika Kapitali' huwa proġett parteċipatorju li se jilħaq il-qofol tiegħu bi tlett rappreżentazzjonijiet fil-belt kapitali nhar is-26 ta' Ottubru. Dan il-proġett se jkun qed jittella' minn Tektek Nota; formazzjoni mużikali ġdida taħt it-tmexxija ta' Tikka Banda. Għal dan il-proġett eċċitanti, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta qed tistieden mużiċisti żgħażagħ u ġodda sabiex jipparteċipaw billi jattendu għal serje ta' workshops edukattivi matul is-sena. Waqt dawn il-workshops, il-mużiċisti se jkunu qed jingħataw gwida u tagħlim minn diversi professjonisti fil-qasam mużikali, bi preparazzjoni għar-rappreżentazzjonijiet mużikali li se jittellgħu fi tliet siti kulturali fil-Belt Valletta – Pjazza Tritoni, Triq Repubblika u l-Barrakka ta' Fuq. Il-kanzunetti kollha li se jindaqqu ġew miktuba minn kompożituri Beltin mill-1900 'il quddiem. Persuni li għandhom bejn il-11 u t-30 sena li jdoqqu strumenti

**Valletta Cultural Agency**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@vca.gov.mt
Telephone: (+356) 2124 2018

**www.vca.gov.mt**

VALLETTA
CULTURAL
AGENCY

fosthom flawt, kwartin, klarinett, kurunetta, sassofonu, kurnu, flikornu tenur (althorn), ewfonju, trumbun, baxx, strumenti tal-perkussjoni u ċimblu jistgħu japplikaw billi jżuru s-sit vca.gov.mt u jagħfsu fuq 'Calls'. Is-sejħa għall-mużiċisti se tibqa' miftuħa sal-31 ta' Lulju.

Għal aktar informazzjoni dwar MusiCity u l-attivitajiet marbuta miegħu, żur il-paġna ta' Facebook tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta – Valletta Cultural Agency.